**STQARRIJA MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IL-KUNSILL EWROPEW LI LTAQA' BEJN IL-ĦAMIS 19 U L-ĠIMGĦA 20 TA' MARZU 2015**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar ix-xogħol li sar waqt il-Kunsill Ewropew li ltaqa' nhar il-Ħamis 19 u l-Ġimgħa 20 ta' Marzu, u li l-konklużjonijiet tiegħu qed inpoġġihom fuq il-mejda tal-Kamra.

Dan il-Kunsill iffoka b'mod partikolari fuq żewġ temi – l-Unjoni tal-Enerġija u r-Relazzjonijiet Esterni.

## UNJONI TAL-ENERĠIJA

Malta kienet sodisfatta bid-direzzjoni politika ċara li ngħatat f'dan is-summit biex titwaqqaf l-Unjoni tal-Enerġija.

Dan il-proġett hu mqassam fuq ħames dimensjonijiet: is-sigurtà tal-enerġija, is-suq tal-enerġija integrat, enerġija effiċjenti, enerġija iktar nadifa, u r-riċerka. Dan kollu, kif qal il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Maroš Šefĉoviĉ se jkun qiegħed jassigura prezzijiet affordabbli u stabbli tal-enerġija għall-familji u n-negozji fl-Unjoni Ewropea.

Hu ta' sodisfazzjon ikbar għalina, meta wieħed jikkonsidra li aħna antiċipajna lill-Unjoni Ewropea fuq diversi miżuri li ġew proposti fl-istrateġija għall-Unjoni tal-Enerġija. Fost dawn wieħed isib il-proċess għall-bidla mill-użu tal-Heavy Fuel Oil għal gass, proċess li bdejna x-xogħol fuqu sa mill-ewwel ġurnata tal-ħatra tagħna.

Antiċipajna wkoll lill-Unjoni Ewropea fuq ix-xewqa tagħha għad-diversifikazzjoni fis-sorsi tax-xiri ta' gass, fejn il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tħeġġeġ lill-Istati Membri biex joħolqu "Strategic Energy Partnerships" ma' pajjiżi terzi b'enfasi fuq l-Azerbaijan, it-Turkmenistan, it-Turkija u l-Alġerija. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jagħmlu referenza għall-istrateġija dwar l-Unjoni tal-Enerġija li, f'paġna 6, tgħid:

*"As part of a revitalised European energy and climate diplomacy, the EU will use all its foreign policy instruments to establish strategic energy partnerships with increasingly important producing and transit countries or regions such as Algeria and Turkey; Azerbaijan and Turkmenistan; the Middle East; Africa and other potential suppliers."*

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea se tkun qiegħda tuża strumenti Ewropej biex jibdew taħditiet sabiex isir Tripartite Energy Partnership fuq il-gass bejn l-Unjoni Ewropea, l-Azerbaijan u t-Turkmenistan.

Rigward il-qalba għal gass, l-istrateġija għall-Unjoni tal-Enerġija qiegħda tintroduċi u tagħmel referenza għall-ewwel darba, għall-istrateġija dwar l-LNG. Strateġija li l-Gvern Malti qiegħed iħares 'il quddiem għaliha. Dan mhux biss ifisser prezzijiet aħjar għall-familji u n-negozji, iżda wkoll arja iktar nadifa, kif sostniet il-Kummissjoni, bi tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet.

L-Unjoni tal-Enerġija qed tippromwovi d-diversifikazzjoni fix-xiri tal-gass u qiegħda tagħti l-opportunità lill-Istati Membri, biex b'mod volontarju jagħmlu arranġamenti flimkien għax-xiri tal-gass minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea.

Ilqajna b'mod tajjeb l-impenn tal-Unjoni Ewropea għas-sigurtà tal-enerġija, b'mod partikolari dwar l-importanza tal-interkonnessjonijiet, b'referenza partikolari għal reġjuni fil-periferija. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea qed titfa' piż fuqha nnifisha li dawn l-interkonessjonijiet għall-elettriku u għall-gass jitlestew b'ritmu mgħaġġel.

Fl-aħħar xhur pajjiżna rebaħ ħafna żmien minn dak li ntilef preċedentement fuq il-proġett tal-*interconnector* u minn saħansitra nuqqas ta' permessi f'dawn il-ġranet ninsabu fil-fażi ta' ttestjar qabel l-*interconnector* jibda jopera.

Fir-rigward tas-sigurtà tal-enerġija u l-importanza tal-interkonnessjonijiet, Malta għandha wkoll proġett meqjus ta' importanza Ewropea (Project of Common Interest), il-*pipeline* tal-gass, li bħalissa l-istudji dwaru jinsabu fi stadju avvanzat. Hi l-mira ta' Malta li apparti interkonessjonijiet mal-Italja f'dan il-qasam permezz ta' dan il-proġett, fil-mument għaqli jibdew ukoll id-diskussjonijiet biex ikollna wkoll interkonnessjonijiet mal-Afrika ta' fuq.

Sur President, waqt il-Kunsill Ewropew sar ukoll qbil biex ikun hemm *impetus* sabiex jintlaħqu l-miri għall-*energy efficiency* u għall-enerġija rinnovabbli għas-sena 2030, li l-qbil fuqhom sar fil-Kunsill Ewropew ta' Ottubru li għadda. F'dan il-qasam, Malta beħsiebha tikkontribwixxi, b'mod ambizzjuż anke jekk pajjiż żgħir, għall-mira Ewropea dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet.

Kif għedt f'Ottubru, filwaqt li l-Unjoni Ewropea qed timmira li, b'mod indikattiv, it-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija jlaħħaq is-sebgħa u għoxrin fil-mija sal-2030, Malta ssottomettiet il-mira indikattiva li żżid l-effiċjenza fl-enerġija b'sebgħa u għoxrin fil-mija sal-elfejn u għoxrin. F'dan il-qasam, inħarsu 'l quddiem għal pożizzjoni b'saħħitha Ewropea fil-Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar it-Tibdil fil-Klima li se tkun qiegħda tiltaqa' f'Pariġi f'Diċembru ta' din is-sena.

Sur President, minn naħa tagħna, dejjem ħdimna biex ir-reġjun tal-Mediterran jingħata l-importanza mistħoqqa fl-Unjoni Ewropea, inkluż fl-Unjoni tal-Enerġija. Dan deher ċar meta f'pajjiżna organizzajna flimkien mal-Kummissjoni Ewropea l-Malta Energy Conference, f'Lulju tas-sena l-oħra. Dakinhar, fuq il-proposta ta' Malta, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Ewropej u tal-Afrika ta' Fuq li pparteċipaw, qbilna li għandha titwaqqaf struttura Ewro-Mediterranja fil-qasam tal-gass, li għandha tgħin biex jintlaħaq il-potenzjal

massimu tar-reġjun. Sodisfatti li l-Unjoni tal-Enerġija marret oltre minn hekk u qed tipproponi dak li qiegħed jissejjaħ bħala il-*EuroMed Process on gas, energy and renewables*.

L-Enerġija hu qasam li pajjiżna qiegħed jieħu bis-serjetà u mimlijin kuraġġ biex inkomplu nagħtu sehemna fil-proċess għall-Unjoni tal-Enerġija, li l-qofol leġiżlattiv se jkun qiegħed jiġi komplut fiż-żmien li pajjiżna jkollu f'idejh l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

**LIBJA**

Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni sostanzjali dwar il-Libja, liema diskussjoni tpoġġiet fuq l-aġenda l-aktar bl-insistenza ta' Malta u l-Italja.

Filwaqt li huwa tajjeb li wieħed jagħti importanza lil dak li qed jiġri fil-fruntieri tal-Lvant tal-Ewropa, il-Mediterran mhux periferija tal-Ewropa. Dak li jiġri fil-Mediterran għandu effett dirett fuq l-Ewropa kollha. Il-massima li mingħajr paċi fil-Mediterran ma jistax ikun hemm paċi fl-Ewropa, għadha tgħodd. Anzi, bil-globalizzazzjoni, issa nistgħu ngħidu li mingħajr paċi fil-Mediterran ma jistax ikun hemm paċi fid-dinja.

Id-diskussjoni tal-Kunsill kienet qed isseħħ f'mument fluwidu ħafna fil-Libja, biċ-ċaqliq militari li kien qed iseħħ.

Mill-konklużjonijiet joħroġ il-*commitment* tal-Unjoni Ewropea li tidħol biex tgħin fl-implimentazzjoni ta' ftehim li jista' jintlaħaq, u idealment fuq talba tal-awtoritajiet Libjani. Dan huwa żvilupp importanti għaliex b'hekk ir-responsabbiltà mhux qed taqa' fuq pajjiż wieħed, iżda se jkun hemm impenn komuni.

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin, Federica Mogherini, se tkun qed tippreżenta l-*options* kollha għad-dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea, bl-istrumenti kollha li jeżistu fil-*policies* Ewropej.

Għalhekk, filwaqt li l-Kunsill Ewropew mhux qed iħares lejn intervent militari, l-*options* taħt eżami, kemm-il darba jintalbu lill-awtoritajiet, jinkludu operazzjoni Ewropea. Din tista' tkun immirata li jinħolqu żoni protetti fil-Libja fejn jiġi implimentat waqfien mill-ġlied, kif ukoll is-sekuritizzazzjoni ta' infrastruttura kritika bħal ajruporti, binjiet governattivi, portijiet, *terminals* tal-enerġija u fruntieri.

Malta għamlet enfasi li kwalunkwe operazzjoni ma tistax tkun biss Ewropea, iżda għandha tkun taħt il-mandat tal-Ġnus Magħquda bis-sehem ta' pajjiżi Għarab u msieħba internazzjonali.

Filwaqt li d-diskussjoni fil-Kunsill Ewropew għarfet li m'hemmx alternattiva għal soluzzjoni politika, hemm alternattivi għat-tip ta' soluzzjoni politika. Kien hemm realizzazzjoni li jista' jkun diffiċli li l-partijiet kollha fil-Libja jaqblu ma' soluzzjoni politika, u għalhekk jista' jkun

hemm lok għal soluzzjoni politika parzjali bil-maġġoranza tal-interlokuturi ta' rieda tajba miż-żewġ naħat.

Il-konklużjonijiet jagħmlu wkoll referenza għal kwistjoni tal-immigrazzjoni illegali u kien hemm konverġenza li filwaqt li din hija fenomenu separat mill-kwistjoni tal-Libja, huwa fl-istess ħin relatat. Il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem fuq rakkomandazzjonijiet għal dan il-għan.

Ta' min isemmi l-fatt li l-Rappreżentant Għoli Mogherini qalet li l-kwistjoni tal-immigrazzjoni illegali telgħet mill-ġdid fuq l-aġenda tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin għall-ewwel darba fi 11-il sena. Hija ħabbret ukoll li matul il-Presidenza tal-Lussemburgu beħsiebha tagħmel laqgħa konġunta tal-Ministri tal-Ġustizzja, Intern u Affarijiet Barranin dwar l-immigrazzjoni.

**UKRAINA/RUSSJA**

Sur President, fl-ewwel sessjoni tal-Kunsill Ewropew filgħaxija ġiet diskussa wkoll il-kriżi fl-Ukraina. Fuq dan ħriġna messaġġ b'saħħtu lill-partijiet kollha involuti, li l-qbil li sar f'Minsk x-xahar li għadda għandu jiġi onorat u implimentat b'mod komplut, mingħajr dewmien.

Fuq il-miżuri restrittivi (*restrictive measures*), il-Kunsill Ewropew għaqqad dawk il-miżuri li ttieħdu kontra l-Federazzjoni Russa fil-31 ta' Lulju 2014 u fit-8 ta' Settembru 2014, flimkien mal-implimentazzjoni kompluta tal-qbil li sar Minsk.

Qbilna li dawn għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2015. Fuq dan is-suġġett, il-Kunsill, matul ix-xhur li ġejjin, se jkun qiegħed jimmonintorja l-livell ta' implimentazzjoni u jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji skont iċ-ċirkostanzi.

**GREĊJA**

Matul il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill, Donald Tusk ta rapport qasir ta' laqgħa informali li saret fi tmiem l-ewwel ġurnata dwar il-Greċja. Din il-laqgħa saret fuq talba tal-Prim Ministru Grieg.

Għal-laqgħa, li tmexxiet mill-President Tusk, apparti Alexis Tsipras, attendew il-Kanċillier Ġermaniż Angela Merkel, il-President Franċiż Francois Hollande, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean Claude Juncker, il-President tal-Eurogroup Jeroen Djisselbloem u l-Gvernatur tal-Bank Centrali Ewropew, Mario Draghi.

Din kienet laqgħa informali bla ebda mandat li tagħmel negozjati. Stqarrija maħruġa fi tmiem il-laqgħa kienet tgħid li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-Greċja kienu qed jiġu kkonfermati.

**SEMESTRU EWROPEW**

Kien hemm diskussjoni dwar is-Semestru Ewropew u r-riformi f'diversi pajjiżi, kif ukoll in-negozjati tal-ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Istati Uniti, magħruf bħala TTIP.

Malta hija favur it-TTIP u trid li n-negozjati jimxu 'l quddiem, filwaqt li jkunu mismugħa r-riżervi ta' ċertu pajjiżi. Nemmnu li ftehim bħal dan jista' jkun biss ta' ġid għal pajjiżna għaliex ftehim ta' kummerċ ħieles f'ekonomija miftuħa bħal Malta jwassal għal aktar ħolqien ta' xogħol.

Huwa interessanti li nirrimarka li matul din id-diskussjoni, numru ta' pajjiżi qalu li hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jagħmlu ftehim maċ-Ċina, għaliex ma jistax ikun li pajjiżi barra l-Ewropa qed jimxu bil-kbir maċ-Ċina, filwaqt li parti l-kbira mill-pajjiżi Ewropej waqgħu lura. Nistqarr li ħassejtni kburi li Malta hija waħda minn dawk il-pajjiżi li mhux talli waqgħet lura, talli qiegħda fuq quddiem fil-bini ta' dawn ir-relazzjonijiet.